

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2019 — Puma vs EUIPO — CMS (CMS Italy)****(Kawża T-161/16) <sup>(1)</sup>**

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva CMS Italy — Trade marks internazzjonali figurattivi preċedenti li jirrappreżentaw felin li qiegħed jaqbeż lejn ix-xellug — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Reputazzjoni tat-trade marks preċedenti — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Prova tar-reputazzjoni — Deċiżjonijiet preċedenti tal-EUIPO li jikkonstataw ir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti — Teħid inkunsiderazzjoni ta’ dawn id-deċiżjonijiet — Obbligu ta’ motivazzjoni — Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba”)*

(2019/C 246/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. González-Bueno Catalán de Ocón, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Costruzione Macchine Speciali Srl (CMS) (Alonte, l-Italja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea EUIPO tad-29 ta' Jannar 2016 (Każ R 229/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Puma u Costruzione Macchine Speciali (CMS),

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea għall-Proprietà Intellettuali (EUIPO) tad-29 ta' Jannar 2016 (Każ R 229/2015-2) hija annullata.*
- 2) *L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk ta' Puma SE.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 222, 20.6.2016.